MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 640/2004

Jacqueline Cauchi
vs
Bridget Formosa u Joseph Vella

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta’ l-attrici li biha ppremettiet:

Illi fil-25 ta’ Lulju 2003 fi Triq l-Industrija Hal-Kirkop, waqt li l-attrici Jacqueline Cauchi kienet qed taqsam it-triq minn fuq *zebra crossing* hija kienet ittajret mill-vettura Vauxhall Corsa bin-numru tar-registrazzjoni DAC-809 proprjeta` ta’ Bridget Formosa u li kienet misjuqa mill-istess Bridget Formosa liema vetturra kienet involuta f’ incident tat-traffiku ma’ vettura ohra tat-tip Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni BBM-475 proprjeta` u misjuqa minn Joseph Vella;

Illi dan l-incident kien sehh minhabba traskuragni, imprudenza u nuqqas ta’ osservanza tat-traffiku da parti ta’ Bridget Formosa u ta’ Joseph Vella u li l-attrici Jacqueline Cauchi kienet korriet serjament;

Illi b’ konsegwenza ta’ dan l-istess incident, li ghalih kienu unikament responsabbli l-konvenuti, l-attrici kienet sofriet griehi ta’ natura serja li kienu jwasslu ghal debilta` permanenti (Dokument A li hu certifikat rilaxxat mill-Kirurgu C. Sciberras MD FRCS) u li ghalhekk u b’ rizultat ta’ dan l-incident hija kienet sofriet danni attwali kif ukoll danni futuri ‘lucrum cessans’ kif kien sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-istess konvenuti u l-assikurazzjoni taghhom interpellati biex ihallsu d-danni sofferti mill-attrici kienu baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

L-attrici talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti jew min minnhom kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fil-25 ta’ Lulju 2003 fi Triq l-Industrija Kirkop u ghad-danni konsegwenzjali li garrbet l-attrici bhala rizultat ta’ dan l-incident;

2. Tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

3. Tordna li l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu lill-attrici dawk id-danni li jigu hekk likwidati kif fuq intqal flimkien ma’ l-imghaxijiet legali.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Bridget Formosa li eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici kellhom jigu respinti bl-ispejjes, billi l-incident meritu ta' din il-kawza ma kienx gara tort u htija tal-konvenuta, izda kien gara unikament tort u htija tal-konvenut l-iehor, Joseph Vella, is-sewwieq tal-vettura numru BBM-475 billi dana waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu gewwa Triq l-Industrija, Hal-Kirkop, kien baqa' diehel fuq il-parti ta' wara tal-vettura tal-konvenuta u dana waqt li hija kienet wieqfa ghal kollox ftit lura miz-zebra crossing li kien hemm f'din l-istess triq. B' rizultat tal-impatt huwa kien imbotta l-quddiem il-vettura tal-istess triq. B'rizultat tal-impatt huwa kien imbotta 'l quddiem il-vettura tal-konvenuta, u b'hekk hija kienet laqtet lill-attrici li dak il-hin kienet qed taqsam it-triq – dana kollu kif kien sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi tant kien dan l-incident tort tal-konvenut, Joseph Vella, illi l-assikurazzjoni tal-konvenut Joseph Vella, Elmo Insurance Limited, kienet accettat fil-konfront tal-konvenuta t-tort u hallset ghad-danni kollha subiti fil-vettura tal-konvenuta.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuta Bridget Formosa.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Vella li eccepixxa:

1. Il-konvenut kien accetta li jaghmel tajjeb ghad-danni li l-attrici kienet garrbet konsegwenza tal-incident awtomobilistiku in kwistjoni sakemm l-attrici taghmel il-prova skond il-ligi tad-"damnum emergens" u "lucrum cessans" minnha pretizi, u prevja l-verifika tal-istess occorrendo permezz ta' periti mahtura mill-Qorti.

2. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici li fiha ssemma li fil-25 ta' Lulju 2003 fi Triq l-Industrija Hal-Kirkop, waqt li hi kienet qed taqsam it-triq minn fuq zebra crossing, ttajret mill-vettura Vauxhall Corsa b'numru tar-registrazzjoni DAC-809 proprjeta` ta' Bridget Formosa u li kienet misjuqa mill-istess Bridget Formosa liema vettura kienet involuta f'incident tat-traffiku ma' vettura ohra tat-tip Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni BBM-475 proprjeta` u misjuqa minn Joseph Vella. Dan l-incident sehh minhabba traskuragni, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tat-traffiku da parti ta' Bridget Formosa u ta' Joseph Vella u li l-attrici Jacqueline Cauchi korriet serjament. Illi b' konsegwenza ta' dan l-istess incident l-attrici sofriet griehi ta' natura serja li jwasslu ghal-debilta` permanenti, u ghalhekk u b' rizultat ta' dan l-incident hija sofriet danni attwali kif ukoll danni futuri. Illi l-istess konvenuti u l-assikurazzjoni taghhom interpellati biex ihallsu d-danni sofferti mill-attrici baqghu inadempjenti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Bridget Formosa li fiha ssemma li l-incident mertu tal-kawza ma garax tort tal-konvenuta Bridget Formosa izda tort tal-konvenut l-iehor Joseph Vella, tant illi l-assikurazzjni tieghu kienet gja accettat it-tort tal-incident u hallset ghad-danni subiti mill-vettura tal-konvenuta. Sostniet li l-konvenut Joseph Vella kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq l-Industrija l-Mosta u laqatha minn wara meta hi kienet wieqfa ftit lura minn ***zebra crossing***. Rizultat ta' din il-habta l-vettura taghha giet imbottata 'l quddiem u laqtet lill-attrici li kienet qed taqsam minn fuq iz-***zebra crossing.***

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Joseph Vella li fiha ssemma li hu jaccetta li jaghmel tajjeb ghad-danni li l-attrici garrbet konsegwenza tal-incident in kwistjoni sakemm l-attrici taghmel prova tad-danni u tkun tista' ssir verifika tal-istess danni anke bl-intervent ta' periti mahtura

mill-Qorti. Hu kien ghamel claim ghand l-assikurazzjoni tieghu, Elmo Insurance Limited, u avzahom bl-accettazzjoni tieghu.

Rat id-digriet tal-11 ta’ Jannar 2005 li bih gie nominat Mr. Charles Grixti bhala espert ortopediku.

Rat ir-rapport ta’ Mr. Charles Grixti li fih issemma:

“**EZAMI KLINIKU:**

Cauchi giet ezaminata ghal fini ta’ dar-rapport fis-7 ta’ Marzu 2005.

Meta ezaminajtha kellha merk twil 11cm fuq il-Greater Trochanter tal-lemin.

Kellha merk twil 16cm fuq in-naha ta’ isfel tal-koxxa tal-lemin u fuq in-naha ta’ barra taghha.

Kellha merk imxaqleb fuq l-“Iliac Crest” tal-lemin minn fejn ittiehed l-ghadam biex tpoggha madwar il-ksur.

Il-merk hawn fuq imsemmija kienu kemmxejn wiesghajn.

It-tul tas-sieq il-leminija u x-xellugija kienu ndaqs kif qiesthom mill-Anterior Superior Iliac Spine sal-Medial Malleolus u kienu ta’ 86cm fit-tul.

Kif kienet mimduda l-irkoppa l-leminija kienet f’pozizjoni Valgus bi 15 il-grad. Jekk ikkomparata ma’ dik tax-xellug din ta’ l-ahhar kellha 8 gradi Valgus.

Kemm il-gok tal-genb tal-lemin u tax-xellug (hips) kellhom ilmovimenti kollha mehtiega bi ftit ugiegh meta dawret il-gok tal-genb tal-lemin il-gewwa.

L-irkoppa tal-lemin u tax-xellug kienu Valgus kif indikati hawn fuq.

L-irkoppa setghu jitharrku bis-shih u jiddrittaw ukoll. Ma kien hemm l-ebda ugiegh meta ghafast madwar l-irkoppa. Il- Iigamenti kienu stabbli.

Kemm l-ghakset is-sieq tal-lemin u tax-xellug ma kienux minfuha u kellhom il-moviment kollu mehtieg u minghjar ugiegh.

**<u>EZAMI RADJOLOGIKU</u>:**
L-X-Rays li ttiehdu fid-29 ta' Awissu 2003 urew ksur tax-xaft tal-femur tal-lemin imwahhal bl-Intramedullary Nail li kien illokkjat b' vit in-naha ta' fuq u iehor in-naha t' isfel.

L-X-Rays li ttiehdu fid-9 ta' Jannar 2004 juru l-ksur hawn fuq imsemmi mfejjaq.

L-X-Rays tar-ras, tal-qasba tas-sieq tax-xellug, tal-ghadma tal-koxxa tax-xellug, tal-pelvis, tas-sider u tas-sinsla cervikali kif ukoll dak tal-ghakset is-sieq tax-xellug, is-sinsla toraci, l- irkoppa tax-xellug u s-sieq tax-xellug kienet rrapurtati mehuda u li ma urew l' ebda ksur. Dawn l-X-Rays ta' l-ahhar ma rajthomx jien personali ghax ma kienux provduti.

**<u>KONKLUZJONI</u>:**
Jacqueline Cauchi sofriet ksur fl-ghadma tal-koxxa tal-lemin kagun ta' l-accident li kellha fil-25 ta' Lulju 2003. Dal-ksur ghaqad wara zewg operazzjonijiet.

Cauchi ghad ghandha bzonn operazjoni ohra biex jittnehha l- virga mill-ghadma tal-koxxa tal-lemin.

Sa dan it-tant l-irkoppa tal-lemin qieghda f'posizzjoni valgus kemmxejn esagerata w b' 15 il-grad.

Dan jista' jfisser li maz-zmien tpoggi aktar piz fuq in-naha ta' barra tal-irkoppa b' konsegwenza li zzid l-istrapazz f'dal- kompartament tal-irkoppa u b' hekk tista' tizviluppa artrite f'dil-parti tal-irkoppa qabel iz- zmien.

Ta' min wiehed jikkonsidra wkoll il-merk li ghandha fil-koxxa tal-lemin kagun tal-operazzjonijiet.

Minhabba dan jiena nistma d-dizabilita` li tista ssofri Cauchi kagun tal-accident li kellha fil-*25* ta' Lulju 2003 ta' 8% (tmienja fil-mija)."

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

### *1. Responsabbilta` ghall-incident*

Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta' Lulju 2003 fi Triq l-Industrija, Kirkop, u d-danni konsegwenzjali li garrbet l-attrici bhala rizultat ta' dan l-incident. Irrizulta li l-attrici Jacqueline Cauchi kienet qed taqsam Triq l-Industrija minn fuq ***zebra crossing.*** Irrizulta li qabel ma hi bdiet taqsam l-imsemmija triq il-konvenuta Bridget Formosa li kienet qed issuq il-vettura Vauxhall corsa bin-numru ta' registrazzjoni DAC-809 waqfet halli taqsam l-attrici izda gie minn wara l-konvenut l-iehor Joseph Vella li kien qed isuq il-vettura Peugeout BBM-475, ta daqqa lill-karozza u anke ntlaqtet l-attrici. Skond id-depozizzjoni tal-attrici quddiem l-espert ortopediku l-karozza ghaddiet minn fuq il-koxxa tal-lemin taghha bir-roti kemm ta' quddiem u kemm ta' wara. Ma hemmx skop li din il-Qorti toqghod intilef iz-zejjed biex tezamina r-responsabbilta` minhabba li l-konvenut Joseph Vella accetta din ir-responsabbilta` shiha fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu u hu b'ebda mod ma addebita xi htija kontributorja la lill-attrici jew lill-konvenuta l-ohra Bridget Formosa. Ghalhekk jinkombi fuq din il-Qorti li wara li tiddikjara r-responsabbilta` kollha tal-incident in kwistjoni fuq il-konvenut Joseph Vella u li tillikwida l-***damnum emergens*** u l-***lucrum cessans***.

### *2. Damnum Emergens*

Jidher li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar:

| | |
|---|---|
| Rapport tal-Pulizija | Lm3 |
| Medicini | Lm43.34 |
| Trattament ta' sahha | Lm40 |
| Spejjez ta' tobba | Lm70 |
| Telf ta' basic pay 25/07/03 – 31/10/03 | Lm1319,89 |
| Telf ta' basic pay 01/11/03 – 31/12/03 | Lm763.42 |
| Telf ta' basic pay 01/01/04 – 29/02/04 | Lm749.60 |
| Total Lm2989.25 | |

L-attrici ppretendiet ukoll:

| | |
|---|---|
| Weekly shift allowances 25/07/03 – 31/10/03 | Lm87.60 |
| W/E obliged overtime | Lm580.94 |
| W/E shift allowance | Lm17.50 |
| Weekly shift allowances 01/11/03 – 31/12/03 | Lm49.80 |
| W/E obliged overtime | Lm339.27 |
| W/E shift allowance | Lm10.50 |
| Weekly shift allowances 01/01/04 – 29/02/04 | Lm51.00 |
| W/E obliged overtime | Lm404.33 |
| W/E shift allowance | Lm10.50 |
| Total Lm1551.44 | |

Dan l-ahhar ammont huwa kontestat mill-konvenut minhabba li jsostni li l-overtime huwa fakultattiv u ma tezisti ebda garanzija ghalih u li huwa prerogattiva tal-employer meta u f'liema cirkostanzi jinghata u jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onor. Imh. J. Said Pullicino fl-ismijiet **Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna** deciza fil-31 ta' Jannar 1995 u konfermata fl-Appell fid-26 ta' Gunju 1997. Din il-Qorti thoss li dan l-aspett ta' overtime li jlahhaq is-somma indikata ghandhom ftit ta' ragun iz-zewg partijiet fuqha. Huwa veru li overtime huwa fakultattiv u ma hemm ebda garanzija tieghu u ghalhekk certament wiehed m'ghandux jikkalkulah meta jigi ghal-***lucrum cessans*** ghax specjalment aktar ma tmur 'il boghod mid-data tal-incident, aktar jidhol l-element ta' incertezza. Izda min-naha l-ohra li fil-kaz in ezami jitqies dak li hu ftit zmien biss wara l-incident jaghmel hafna sens. Hu veru wkoll li l-attrici ma kellhiex taghmel is-sieghat twal tahdem ghall-overtime u ghalhekk din il-Qorti thoss li bhala ammont ta' ***damnum emergens*** ghandha tikkomputa ***arbitrio boni viri*** s-somma ta' Lm800 flimkien mal-figura precendentement imsemmija ta' Lm2989.25 li ghalhekk bhala ***damnum emergens*** l-ammont ghandu jigi likwidat ghal Lm3789.25.

***Lucrum Cessans***

Jirrizulta li l-attrici kellha 26 sena fid-data tal-incident. Kellha salarju gross ta' Lm93.70 fil-gimgha (ara dokument JC12 fol 35) ammontanti ghal Lm4872 oltre ***bonuses***

skond il-ligi. F’dan l-istadju l-Qorti sejra tikkwota mis-sentenza moghtija minnha kif presjeduta fl-ismijiet **John Ransley et vs Edward Restall** deciza fl-10 ta’ Mejju, 2005:

***“5a. Multiplier***
Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta’ likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta’ Dicembru, 1967. F’dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"chances and changes of life", b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda il-figura uzata ghall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza Lambert vs Buttigieg deciza fit-18 ta’ April, 1963 kienet qalet:
"f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-3 ta’ Dicembru, 2004 intqal:
“Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-‘multiplier’ adottat mill-Qorti ta’ l-ewwel grad huwa piuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f’kawzi ghar-rizarciment ta’ danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-‘multiplier’ u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b’mod specifiku dwar

telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti ***in toto***. Izda fir-rigward ta’ telf ta’ qligh li dik il-persuna tbati ‘l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, s-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li “Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b’mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta’ inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta’ ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta’ ‘**Butler vs Heard**’ – b’dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa’ tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala ‘lucrum cessans’ - jipprova jimprimi sens ta’ gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu.”

Il-multiplier adoperat varja u kien ta’ 5 snin fil-kaz ta’ persuna ta’ 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta’ 15 fil-kaz ta’ persuna ta’ 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15 il-sena fuq persuna ta’ 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta’ 18 fuq persuna ta’ 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta’ 18 fil-kaz ta’ persuna ta’ 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta’ 25 fil-kaz ta’ persuna ta’ 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta’ 26 fil-kaz ta’ persuna ta’ 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 23 sena

**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' Multiplier. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' multiplier kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita' taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

L-attrici ssostni li la issa dhalna fl-Unjoni Ewropea wiehed irid iqis li l-hajja tax-xoghol tizdied sa 65. Izda s'issa ma hemm ebda ligi f'dan is-sens. Wara li l-qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta' tal-attrici ta' 46 li tilhaq l-eta` tal-pensjoni ta' 61, tqis li ghandha tadopera multiplier ta' <u>15 ghal kaz in ezami</u>.

***5b. Paga u gholi tal-hajja***

Spiss li l-Qrati uzaw il-paga minima fejn ma kienx facli li l-Qorti tasal biex tistabbilixxi xi figura ohra. Izda fil-kaz in ezami ghandna l-attrici li kienet qedgha taqla' salarju gross ta' Lm4748 fis-sena. Normalment il-paga minima nazzjonali titla' b'zewg liri fil-gimgha kull sena. Dan ifisser li kull sena il-paga kienet ser tizdied b'LM104 ghal 15-il sena [u jekk wiehed jiehu l-medja, dan ifisser il-medja tas-salarju prezenti (4748) u dak tal-ahhar salarju (1560 + 4748 = 6308 ) ossia 4748 + 6308 /2 = 5528] u <u>jwassal ghal LM5528</u>. Dan oltre l-awment tal-gholi tal-hajja li spiss jissupera ferm aktar l-awment tal-paga.

***5c. Disabilita`***

Mir-rapport mediku ta' Dr. Ivan Esposito [fol 32 sa 36 tal-process] jirrizulta` li d-disabilita` prezenti tal-attrici hija ta' madwar 20% ghalkemm semma kemm li jista' jkun hemm ***changes as her symptoms subside*** kif ukoll ***earlier onset of degenerative changes.*** Xehed [fol. 90] fid-29 ta' Settembru, 2003 u tkellem dwar l-interventi u li suppost d-disabilita` tonqos, izda tista' wkoll issofri diversi konsegwenzi, u kollox halla energy impact. Ghalhekk il-Qorti sejra toqghod fuq il-bazi ta' <u>20% bhala disabilita`.</u>

***5d. Lump Sum Payment***

L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-lump sum payment b'ammont ekwivalenti ghal 5% meta jkunu ghaddew numru ta’ snin mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta’ Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta’ Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta’ dewmien. Gie wkoll propost li m’ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza: “jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m’ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction” – **Agius vs Fenech** 29 ta’ Ottubru, 2003.

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b’10%. 10% gie imnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-OTT-2003, 5% f’**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f’**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghal kaz in ezami din ma tantx hi problema ghax l-incident gara fit-13 ta’ Novembru 2000 u s-sentenza qedgha tinghata erba’ snin u nofs wara. Fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm <u>tnaqqis ta’ 15%.</u>

***5e. Kunsiderazzjonijiet ohra***

Kunsiderazzjonijiet ohra ta’ dan it-tip ta’ kawzi bhal kuncett tal-konsum personali, u tad-***dependency issue*** ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.”

<u>**Osservazzjonijiet ghall-kaz odjern**</u>

Dwar il-***multiplier*** jinghad li dwar dak li ssottometta l-konvenut fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu a fol 63 tal-process mhux preciz. Infatti wasal ghall-konkluzjoni li fil-kawza **Ransley vs Restall** kienet ghazlet dak il-multiplier

bhala mizura ta’ ekwita` u temperament tal-pretensjoni tal-atturi li kienu qed jippretendu li una volta Malta kienet dahlet fl-Unjoni Ewropeja l-eta` pensjnonabbli kienet ser titla’ ghal 65 sena. Dan mhux korrett ghax meta l-Qorti semmiet dan l-argument f’dik il-kawza kienet qedgha tghid dak li sostniet l-atrici f’dak il-kaz u infatti s-sentenza ta’ wara tghid “Izda s’issa ma hemm ebda ligi f’dan is-sens”.

Il-Qorti taqbel li s-sistema tal-***multiplier*** mhix xi formola matematika li minn 60 tnaqqas l-eta` tal-persuna meta gara l-incident izda li jirrikjedi li jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi bhal kemm persuna tkun vicina ghall-eta` ta’ 60, l-istat ta’ sahha taghha, il-periklu tax-xoghol li taghmel. Hu veru wkoll li l-***multiplier*** normalment huwa anqas mill-aspettattiva tal-hajja lavorattiva. Ara **Caruana vs Camilleri** tal-Onor. Qorti tal-Appell tas-27/02/04 u **Bugeja vs Agius** tal-Onor. Qorti tal-Appell tas-26/07/91. Kieku kien hekk minn 60 tnaqqas 26 tasal ghal 34 li certament mhux il-kaz ghax wiehed irid iqis ukoll il-principju tac-***chances and changes of life***. Fi **Grima vs Penza** tal-Prim’ Awla tat-30/06/04 f’kaz ta’ vittma ta’ 26 sena inghata ***multiplier*** ta’ 30 u f’**Zammit vs Zahra** tal-Prim’ Awla tal-20/01/05 vittma ta’ 23 sena inghata ***multiplier*** ta’ 30, waqt li f’**Dalmas vs Ghio** tal-Appell Civili Superjuri tal-05/02/80 vittma ta’ 33 inghata ***multiplier*** ta’ 20 u f’**Gauci vs Xuereb** tal-Prim’ Awla tal-29/10/70 vittma ta’ 24 inghata ***multiplier*** ta’ 15. Meta din il-Qorti qieset l-elementi kollha thoss li ***multiplier*** ta’ 28 ikun wiehed gust.

Dwar paga u gholi tal-hajja din normalment tizdied b’Lm2 fil-gimgha ossija Lm104 fis-sena, li meta wiehed iqis il-medja ghal 28 sena jfisser li s-salarju jrid jizdied fl-ahhar sena b’Lm2912 u dan iwassal ghal medja ta’ Lm6328.

Dwar dizabilita` rrizulta b’mod car mir-rapport tal-espert ortopediku li d-debilita` permanenti tal-attrici hija ta’ 8%.

Dwar ***lump sum payment*** fil-kaz in ezami l-incident gara f’Lulju 2003 ossija sentejn u nofs ilu. Ghall-istess ragunijiet moghjtija fis-sentenza **Mizzi vs Azzopardi** tal-Prim’ Awla tas-16/12/04 is-somma ghandha tigi ridotta bi 18%.

**Likwidazzjoni tal-ammont ta' lucrum cessans**

Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-qliegh medju annwali tal-attrici inkluz l-gholi tal-hajja tammonta ghal LM6328;

II. jrid jitqies multiplier ta' 28. Dan igib l-ammont ta' LM177184;

III. il-qorti trid tqis il-grad ta' disabilita` li f'dan il-kaz hu ta' 8% u ghalhekk jammonta ghal ossia LM14175;

IV. wara jrid jitnaqqas 18% tal-lump sum payment u dan iwassal ghal LM11624;

V. ma' dan irid jizdied l-ammont ta' ***damnum emergens*** ta' LM3789.25 u dan iwassal it-total ghal LM15,413.25."

**E. KONKLUZJONIJIET:**

L-eccezzjonijiet tal-konvenuti jistghu jigu kunsidrati hekk: Il-konvenuta Bridget Formosa eccepiet li l-incident ma garax tort taghha izda tal-konvenut l-iehor Joseph Vella. Fil-fatt fl-eccezzjoni tal-konvenut Joseph Vella dan ammetta r-responsabbilta` ghall-incident ghalkemm insista li l-attrici taghmel il-prova skond il-ligi tad-***damnum emergens*** u ***lucrum cessans***. L-attrici wara li talbet id-dikjarazzjoni tal-konvenuti jew min minnhom bhala responsabbli ghall-incident li sehh fil-25 ta' Lulju 2003 fi Triq l-Industrija Hal-Kirkop li fih l-attrici sfat feruta gravament, liema talba giet milqugha talbet il-likwidazzjoni tal-istess danni subiti minnha. Dawn gew hawn fuq likwidati fl-ammont ta' LM15413.25 [hmistax-il elf erba' mija u tlettax-il lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu]. Peress li Bridget Formosa ma giet b'ebda mod tenuta responsabbli tal-incident hija qed tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju filwaqt li Joseph Vella huwa responsabbli ghad-danni kollha msemmija.

Ukoll il-Qorti ghalhekk tikkundanna lill-konvenut Joseph Vella jhallas lill-attrici s-somma kif likwidata ta' LM15,413.25.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet mil-lum kontra l-konvenut Joseph Vella.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------